# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**RikorsNru. 883/2019GM**

**Malta Dairy Products Limited (C-7833)**

**vs**

**David Santillo (K.I.545977M), Jacqueline Santillo (K.I.117876M), Edward Santillo (K.I.418446M),Maria Concetta Santillo (K.I.353547M); Michael Mizzi (K.I.143050M) u Mary Elizabeth Mizzi(K.I.974749M)**

**Seduta tal-10 t'Ottubru 2019.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Malta Dairy Products Limited [C-7833] fejn bil-gurament tiegħu Martin Grech (K.I. 378175M) għan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija attriċi jikkonferma u jiddikjara li jaf b'dawn il-fatti personalment:

1. Illi permezz ta' kuntratt datat tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2016 in atti tan-Nutar Dottor James Grech, l-konvenuti David u Jacqueline Santillo kkostitwew

ruħhom veri, ċerti u likwidi debituri a favur tal-kumpannija attriċi fis-somma kapitali ta' erba' mija u disgħin elf tliet mija u seba' Ewro ħamsa u tmenin ċenteżmu (€490,307.85), liema ammont jirrappreżenta bilanċ ta' prezz ta' ħalib u prodotti ta' ħalib mibjugħa u konsenjati mill-kumpannija attriċi lill-konvenuti msemmija fuq ordnijiet tagħhom stess (ara kuntratt anness u mmarkat 'DOK A');

2. Illi fit-tielet parti tal-kuntratt imsemmi, l-konvenuti David u Jacqueline Santillo qablu li kellhom jħallsu din is-somma kapitali lura permezz ta' erbgħa u ħamsin (54) pagament mensili ta' €10,158.35 bl-ewwel pagament ikun dovut fil-wieħed u tletin (31) ta' Marzu 2016 u dan kellhom jagħmluh flimkien ma' imgħax bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%), b'dan illi f'każ ta' morożita` ta' kwalunkwe pagament, id-debituri kienu jitilfu il-benefiċċju taż-żmien u l-bilanċ hemm rimanenti, flimkien mal-imgħax bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%), kien issir immedjatament dovut u pagabbli. F'dan ir-rigward u permezz tas-sitt parti tal-kuntratt, l-konvenuti David u Jacqueline Santillo kienu taw ipoteka ġenerali favur il-kumpannija attriċi;

3. Illi fis-seba' parti tal-kuntratt imsemmi, l-konvenuti Edward u Maria Concetta Santillo kif ukoll Michael u Mary Elizabeth Mizzi kkostitwew ruħhom bħala garanti in solidum bejniethom u mal-konvenuti David u Jacqueline Santillo in kwantu għall-ammont infraskritt, inkluż l-imgħaxxijiet applikabbli, a favur tal-kumpannija attriċi. Għal kull bwon fini, fuq l-istess kuntratt il-garanti ddikjaraw ukoll illi kienu qegħdin jirrinunzjaw għal beneficium excussionis. Jingħad illi f'dan ir-rigward u permezz tat-tmien u d-disa' parti tal-kuntratt, l-konvenuti Edward u Maria Concetta Santillo kif ukoll Michael u Mary Elizabeth Mizzi kienu rispettivament taw ipoteki speċjali favur il-kumpannija attriċi fuq il-proprjetajiet hemm imsemmija;

4. Illi l-aħħar pagament mensili effettwat mill-konvenuti ai termini tal-kuntratt de quo kien dak rigwardanti l-pagament dovut sal-aħħar ta' Novembru 2018 (ara prospett anness u mmarkat 'DOK B');

5. Illi il-bilanċ pendenti huwa ta' mitejn u tlett elef, tmien mija, tnejn u ħamsin Ewro tnejn u ħamsin ċenteżmu (€203,852.52);

6. Illi minkejja d-diversi interpellazzjonijiet magħmula, l-konvenuti baqgħu inadempjenti;

7. Illi għal kull bwon fini jingħad illi dan l-ammont jirrappreżenta parti minn dejn akbar illi sat-tlettax (13) ta' Settembru 2019 kien jammonta għal somma kapitali totali ta' ħames mija u dsatax-il elf mija wieħed u ħamsin Ewro erbgħa u tletin ċenteżmu (€519,151.34), ilkoll rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' ħalib u prodotti tal-ħalib mibjugħa u konsenjati mill-kumpannija attriċi lill-konvenuti David u Jacqueline Santillo fuq ordnijiet tagħhom stess. Di fatti, l-ammont minn dan il-bilanċ illi mhuwiex kopert mill-kuntratt mertu tal-kawża odjerna u li jammonta għal tliet mija u ħmistax-il elf mitejn tmienja u disgħin Ewro disgħa u sebgħin ċenteżmu (€315,298.79), għadu dovut fl-intier tiegħu mill-imsemmija konjuġi David u Jacqueline Santillo lill-kumpannija attriċi, u dan minkejja illi skond ir-raba' u l-ħames parti tal-kuntratt de quo, l-konvenuti msemmija kienu ntrabtu illi fl-ebda mument ma kellhom jippermettu illi d-dejn rigwardanti Areas 9 u 41 jeċċedi l-ħmistax-il (15) ġurnata ta' kreditu. Di fatti, apparti l-ammont infraskritt teżisti somma oħra ta' sebgħa u erbgħin elf tmien mija u dsatax-il Ewro erbgħa u tletin ċenteżmu (€47,819.34) li hija ċerta u likwida iżda li ma kenitx dovuta sa nhar it-tlettax (13) ta' Settembru 2019 mingħand l-konvenuti David u Jacqueline Santillo lill-kumpannija attriċi stante illi kien għadu ma ddekorrix il-perjodu ta' kreditu konsentit mill-kumpannija attriċi;

8. Illi l-ammont dovut mill-konvenuti lill-kumpannija attriċi huwa ċert, likwidu u dovut, u allura fil-fehma tal-istess kumpannija attriċi jikkonkorru l-elementi kollha taħt l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din l-Onorabbli Qorti tipproċedi bid-dispensa tas-smigħ peress li safejn taf il-kumpannija attriċi, l-konvenuti ma għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra t-talbiet attriċi;

Għaldaqstant, il-kumpannija attriċi talbet lil Qorti, sabiex:

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom huma debituri tal-kumpannija attriċi fl-ammont ta' mitejn u tlett elef tmien mija tnejn u ħamsin Ewro tnejn u ħamsin ċenteżmu (€203,852.52) rappreżentanti bilanċ ta' ammont dovut mill-konvenuti lill-kumpannija attriċi ai termini tal-kuntratt notarili datat tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2016;

3. Tikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum iħallsu l-ammont premess lill-kumpannija attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali applikabbli fuq is-somma kapitali dekorribbli mid-data tal-kuntratt imsemmi sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota tal-konvenuti David Santillo, Jaqueline Santillo, Edward Santillo, Maria Concetta Santillo; Michael Mizzi u Mary Elisabeth Mizzi ppreżentata waqt l-ewwel seduta tal-10 t'Ottubru 2019 li permezz tagħha in segwitu għat-transazzjoni li seħħet dak inhar stess bejn il-partijiet, ammettew it-talbiet miġjuba fil-konfront tagħhom mill-attriċi;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta

ppruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeċiedi billi tilqa’ t-talba tas-soċjeta’ attriċi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni b’dan illi:

1) Tiddikjara illi l-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom huma debituri tal-kumpanija attriċi fl-ammont ta’ €203,852.52 rappreżentanti bilanċ ta’ ammont dovut mill-konvenuti lill-kumpanija attriċi *ai termini* tal-kuntratt notarili datat 22 ta’ Marzu 2016;

2) Tikkundanna lill-konvenuti flimkien u *in solidum* iħallsu l-ammont premess lill-kumpanija attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali applikabbli fuq is-somma kapitali dekorribbli mid-data tal-kuntratt imsemmi sad-data tal-pagament effettiv.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA